MELLIEĦA

MINUTI

# KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA

## IS-SEBA' KUNSILL

SEDUTA NRU. 21

24 ta' Ġunju 2014

Minuti tas-seduta Nru. 21 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech illi talab bil-kitba li jiġi skużat minħabba li kien imsiefer. Il-ħatra ta' l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ kienet għadha ma saritx wara li skada t-terminu ta' Sinjorina Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.4.4. **(Ref: P/5/8/E)** tal-Ewwel Parti tas-seduta preċedenti u talab li tiġi emendata kif ġej:

*"4.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li tinġieb l-opinjoni tal-Contracts Manager biex jiġi verifkat li t-tibdil propost skont il-pjanti l-ġodda huwiex konformi mal-Pjan Lokali."*

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferit ghall-minuta 16.2. **(Ref: E/3/1/11)** tal-Ewwel Parti tas-seduta ta' qabel u talbet li din tinqara kif ġej:

*"16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-kors tal-aerobics iffinanzjat mid-Dipartiment tas-Saħħa ser jintemm fl-aħħar ta' Mejju, iżda l-istudenti li qed jattendu wrew ix-xewqa li jkollhom seba' sessjonijiet oħra sal-aħħar ta' Gunju. Dan ser jinvolvihom ħlas ta' €25 kull persuna fuq bażi personali min-naħa tal-għalliema u l-istudenti."*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tal-Ewwel u t-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 21 bl-emendi proposti aktar 'il fuq. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Festival Internazzjoni tal-Mużika (A/5/3/4)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u kkummenta li l-andament tal-festival kien wieħed tajjeb u hemm lok li jissaħħaħ fl-edizzjonijiet li ġejjin. Huwa nnota li għalkemm ma kienx hemm konkorrenza tajba mir-residenti tal-Mellieħa, dik tat-turisti kienet aktar sodisfaċenti. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa important li d-dati tal-edizzjoni 2015 jiġu ffissati minn kmieni sabiex baned u *performers* Maltin u barranin ikollhom l-opportunita` li jippjanaw il-parteċipazzjoni tagħhom. Huwa rringrazzja lill-Viċi Sindku C. Bartolo għall-ħidma tiegħu biex dan l-avveniment, mifrux fuq tliet ijiem, kien ta' suċċess.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-edizzjoni illi jmiss tkun fit-22, 23 u l-24 ta' Mejju 2015. Huwa qal li kien hemm kummenti tajbin mid-diriġenti tal-Eynsford Concert Band li pparteċipat fl-edizzjoni ta' din is-sena. Huwa qal ukoll li stabilixxa kuntatti mad-Doncaster Band mill-Ingilterra u baned Norveġiżi. Il-problema ewlenija li jaffaċċjaw dawn il-baned biex jiġu Malta hija t-titjiriet u l-ġarr tal-istrumenti.

### 2.2.1. Sigurta` fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u qal li tkellem mal-*Contracts Manager* dwar titjib illi meħtieġ isir fil-*playing field* imsemmija f'dik li hija sigurta`. Huwa qal li l-perit jeħtieġ jagħmel *survey* tal-post fejn hemm il-bandli bil-għan li jinbidlu ż-żurżieqa u s-*see saw,* li ġew ċertifikati bħala perikolużi fir-rapport tal-MCCAA għall-2013.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li dawn għandhom jitneħħew u titwaħħal tabella li tgħid illi l-Kunsill qed jaħdem fuq proġett bil-għan li jiġi ntrodott *play equipment* aktar siġur.

2.2.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li r-rapport tal-MCCAA jitfa' responsabilita` kbira fuq il-Kunsill u anke jpoġġiħ fi żvantaġġ kemm-il darba xi ħadd iweġġa kawża taż-żurżieqa jew is-*see saw*.

2.2.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier E. Bartolo li l-*play equipment* imsemmi għandu jitneħħa minn fuq il-post, kif ukoll li titwaħħal tabella li tinforma lill-pubbliku bil-pjanijiet tal-Kunsill.

### 2.3.1. Rapport tal-Inġinier dwar il-vetturi wżati għall-ġbir tal-iskart organiku (K/6/2/Vol V)

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 7.6. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx sar ir-rapport tal-inġinier fuq il-vetturi tal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart organiku.

2.3.3. Is-Segretarju qal li dan intalab mill-*Contracts Manager*, iżda r-rapport kien għadu ma' ġiex sottomess.

2.3.4. Is-Sindku kkummenta li sad-data tas-seduta ma kinux daħlu lmenti dwar tixrid ta' likwidu mill-vetturi wżati għall-ġbir tal-iskart domestiku.

### 2.4.1. Dħul ta' vetturi f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/3/2/Vol IX)

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 20.6. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx inkiseb tagħrif mingħand il-fornitur tal-*bollards* li hemm fil-misraħ imsemmi.

2.4.3. Is-Segretarju qal li huwa tkellem ma' persuna teknika minn Alberta Fire & Security Ltd, illi għarfu li t-tlugħ tal-*bollards* jista' jiġi regolat bil-ħin, iżda dawn m'hemm xejn xi jżommhom milli jitilgħu xorta waħda minkejja li jkun hemm vettura għaddejja minn fuqhom jew wieqfa.

2.4.4. Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni qed timbarazza lill-Kunsill għaliex tingħata l-impressjoni li qed isir deskriminazzjoni. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li mhux l-ewwel darba li ħa r-*remote control* mill-uffiċċju biex itella' l-*bollards*.

2.4.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li s-sistema għandha tiġi regolata bil-ħin xorta waħda, filwaqt li għandha titwaħħal tabella li l-*bollards* jistgħu jitilgħu awtomatikament bil-ħin. Il-Pulizija għandha wkoll toħroġ avviż ta' kontravvenzjoni li min jidħol fil-misraħ.

2.4.6. Il-Kunsill qabel li l-*bollards* għandhom jiġu regolati bil-ħin, filwaqt li kull min ingħata r-*remote control* għandu jiġi mfakkar biex itellagħhom hekk kif jidħlu bil-vetturi tagħhom.

### 2.5.1. Użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat stellini rreferiet għall-minuta 10.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u staqsiet dwar jekk l-użu tal-*court* huwiex ser ikun bil-ħlas fil-każ tal-kors tal-*aerobics* illi ser jingħataw mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, peress li min jattendi mhux ser jintalab ħlas.

2.5.3. Is-Sindku għamilha ċara li l-ħlas ser jintalab biss fejn ikun hemm individwu jew għaqda li tkun qed titlob ħlas speċifikament biex issir xi attivita' fil-*court*. Il-ħlas ser jintalab ukoll meta l-*court* jintuża minn individwi jew għal xi dixxiplina li ma taqax taħt il-Mellieħa Tritons. Huwa kompla jispjega li fil-każ fejn ma jkunx qed jintalab ħlas minn xi entita' pubblika, m'għandux jintalab ħlas, anke jekk isir mhux fil-ħinijiet stabbiliti fil-kuntratt tal-kustodju.

2.5.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintbagħat kont lill-Mellieħa Tritons ibbażat fuq ir-rati stabbiliti, fl-aħħar ta' kull xahar fir-rigward tas-sessjoni ta' taħriġ fit-tennis, li qed isiru fuq inizjattiva personali ta' individwu, u li għalihom qed jintalab ħlas.

2.5.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha titwaħħal *notice board* qrib id-daħla għall-Park fi Triq Ġuże' Flores, sabiex fost affarijiet oħra, il-pubbliku jkun konxju tal-attivitajiet li jkunu għaddejjin fl-istess Park.

## 2.6.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.2. tat-tieni parti tas-seduta ta' qabel u qal li wara rappreżentazzjonijiet li saru mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar is-suġġett, ingħata parir li l-kuntatti dwar il-proġetti ndikati mill-Kunsill għandha ssir permezz tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li l-laqgħa mal-Onor. Stefan Buontempo ġiet iffissata għas-7 ta' Lulju 2014 fid-9.00am. Huwa stieden lill-Kunsillieri kollha sabiex jattendu.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Żvilupp fi Triq Edmund Halley / Triq N. Copernicus (P/5/8/E)

2.7.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.4.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons mill-*Contracts Manager* dwar l-applikazzjoni PA 0705/14 li saret lill-MEPA.

2.7.3. Is-Segretarju wieġeb li skont il-*Contracts Manager,* l-erba' *units* residenzjali li qed jintalbu huma skont il-kundizzjonijiet imposti mill-MEPA fl-*Outline Development Permit* PA 4557/10, li fil-fatt huma konformi mal-*policy* kif interpretata mill-*Environment and Planning Unit*.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.8.1. Korsijiet għat-tfal matul il-perjodu tas-Sajf (E/3/1/Vol III)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li applikaw tliet għalliema differenti - wieħed għal kull suġġett - Fiżiċa, Malti u Ingliż. Hija fakret li dawn qed jistennew ħlas ta' €5.00 kull student għal sessjoni ta' siegħa u nofs. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li t-tfal iħallsu €3.00 kull sessjoni, filwaqt li d-differenza joħroġha l-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.9.1. Proġett AvventuraSajf (E/3/4/Vol XIII)

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.7.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u pproponiet li xi affarijiet illi kienu jintużaw għal AvventuraSajf jingħataw lill-Iskola Primarja tal-Mellieħa biex jintużaw fuq il-proġett Klabb 3-16.

2.9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.10.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

2.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 18.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-ġranet meta ser ikun hemm l-artisti, artiġġjani u mużiċisti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ser ikunu nhar ta' Ġimgħa fl-4, 11, 18, 25 u 31 ta' Lulju 2014.

2.10.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-ispejjeż tad-dwal u l-inkarigu ta' persuna teknika ser jammonta għal madwar €1,770. Ippropona li l-ħinijiet ikunu bejn it-8.30pm u l-10.30pm.

2.10.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

### 2.11.1. Qari mit-tfal għall-anzjani (A/1/2/Vol VII)

2.11.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 19.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qalet li kompliet il-kuntatti mad-direzzjoni ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa dwar is-suġġett t'hawn fuq.

2.11.3. Waqt li kien qed jiġi diskuss dan is-suġġett mad-diriġenti tad-dar, irriżulta li matul ix-xhur tas-Sajf ma jibqgħux jsiru ħarġiet għall-anzjani u minflok qed jitħajru juruhom *films* bil-Malti, iżda l-operatur tad-dar ma pprovdiex fondi biex jinxtara *projector*. Għaldaqstant hija pproponiet li jinstilef dak tal-Kunsill, jew jinxtara wieħed għalihom.

2.11.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu stimi li jkopru l-apparat imsemmi u l-installazzjoni tiegħu fil-post.

### 2.12.1. Lezzjonijiet taż-żfin (E/3/1/8)

2.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 16.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qalet li l-għalliema taż-żfin zumba u tal-*line dancing* inħarġilhom kont sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż li saru mill-Kunsill. Dawn intalbu jħallsu €380 u €180, rispettivament. L-ewwel ammont kien diġa tħallas sad-data tas-seduta.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 24/06/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 23/05/14 – 19/06/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz ta' ftehim dwar l-Immaniġġjar tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sewqan perikoluż f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol IX)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Mejju 2014, mibgħut mis-Sur Claude Calleja, fejn talab li jsiru *road humps* fit-triq imsemmija minħabba sewqan b'veloċita` qawwija li jsir fl-istess triq.

4.1.3. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba peress li bl-ipparkjar ta' vetturi, kif ukoll il-wisa' tat-triq ma jistax isir sewqan b'veloċita` qawwija.

### 4.2.1. Tneħħija ta' *billboards bla permess* (P/5/4/Vol II)

4.2.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-imejl datat 2 ta' Ġunju 2014, mibgħut mill-MEPA fejn ġie avżat li l-istess awtorita`, flimkien ma' Transport Malta taw żmien sal-20 ta' Ġunju 2014, sabiex jitneħħew *billboards* li twaqqfu bla permess. Fin-nuqqas ta' dan dawn jitneħħew immedjatament għas-spejjeż tas-sid jew ta' min jirreklama fuqhom.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Skema ta' għajnuna finanzjarja għas-servizz tal-internet (I/1/3/Vol V)

4.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-Memo 17/2014 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bid-data tat-12 ta' Ġunju 2014. L-iskema tipprovdi servizz tal-internet mal-Melita plc li huwa aktar adekwat għall-i*streaming* tas-seduti. Dan jinvolvi spiża ta' €25 fix-xahar, li ser jagħmel tajjeb għaliha d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Peress li hemm diversi Kunsilli Lokali li diġa qed jagħmlu użu minn dan is-servizz, il-Kunsilli Lokali jistgħu jitolbu rimbors tal-ispiża sa massimu ta' €300 fis-sena.

4.3.3. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li l-Kunsill diġa ilu għal diversi snin abbonat mal-Melita plc bis-servizz tal-*Fibre Power* 30Mbps, bir-rata ta' €30 fix-xahar u għalhekk jista' jibbenefika mill-iskema.

4.3.4. Il-Kunsill qabel li għandha issir applikazzjoni sabiex jibbenefika mill-iskema.

**4.4.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol II)**

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Mejju 2014, mibgħuta mis-Sur Joseph Muscat fejn talab sabiex triq rurali li tinsab fl-inħawi Taċ-Ċens tingħata isem. Ġie spjegat li wieħed jista' jidħol f'din it-triq minn Dawret il-Mellieħa (faċċata tal-lukanda Seabank). Is-Sur Muscat ġie imġiegħel jagħmel din it-talba peress li l-Maltapost ma tqassamx posta fejn mhemmx isem ta' triq.

4.4.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li każ simili jeżisti fl-inħawi ta' Wied Musa, fejn hemm residenti permanenti li qed jaffaċċjaw l-istess problema.

4.4.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex it-triq imsemmija fil-minuta 4.4.2. għandha tissemma "Triq iċ-Ċens", filwaqt dik indikata fil-minuta 4.4.3. tissemma "Triq il-Palazz iż-Żgħir" li huwa bini antik illi jinsab fil-qrib.

**4.5.1. Ħinijiet tax-Xogħol għall-impjegati tal-Kunsill (P/7/1/Vol IX)**

4.5.2. Inqrat ittra datata 23 ta' Ġunju 2014 indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv, iffirmata mill-erba' impjegati direttament mill-Kunsill, fejn appellaw sabiex jibbenefikaw mir-regolament 14 (4) tar-Regolamenti dwar Riżorsi Umani, illi jipprovdi li fix-xahar ta' Awwissu, l-impjegati klerikali għandhom jaħdmu medja ta' sitt sigħat xogħol kuljum. Fl-istess ittra ntqal ukoll li s-siegħat nieqsa li jkun hemm jiġu kkompensati billi jiżdied il-ħin tax-xogħol fuq ix-xhur l-oħra tas-sena.

4.5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li matul Awwissu jkun hemm l-Ijieli Melleħin illi jirrikjedu ċertu npenn mill-impjegati u allura n-nofs ta' nhari jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jilqħu mad-domanda.

4.5.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li minkejja l-ħinijiet imnaqqsa, jrid jinstab mezz kif ix-xogħol isir xorta waħda.

4.5.5. Is-Segretarju qal li sakemm l-impjegati ma kinux qed jitolbu l-ħinijiet imnaqqsa matul Awwissu, dawn tħallew uniformi matul is-sena kollha. Dan id-dritt issa ma jistax jiġi mċaħħad, billi issa l-impjegati qed jitolbu skont l-imsemmi regolamenti, kif ukoll il-Memo 86/2010.

4.5.6. Il-Kunsill iddeċieda li l-ħinijiet matul Awwissu għandhom ikunu bejn it-8.00am u s-1.30pm u d-differenza ta' siegħa u nofs titpatta b'żieda fil-ħin tax-xogħol fuq il-kumplament tas-sena.

**4.6.1. Malta Jazz Festival (A/5/5/Vol VII)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Ġunju 2014, mibgħut mill-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti li huma nkarigati mill-organizzazzjoni tal-Malta Jazz Festival. Bħala parti minn dan l-avveniment l-organizzaturi qed jipproponu li jsir kunċert fil-Mellieħa. Intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll sabiex l-istesss Kunsill jipprovdi 150 siġġu għall-istess attivita`.

4.6.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**4.7.1. Servizzi dwar ġbir ta' skart reċiklabbli qrib ix-xtut (K/6/11)**

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 24 ta' Ġunju 2014, mibgħut minn Green MT Ltd fejn għarfu li l-*bring-in sites* ġewwa ż-żoni tal-*boathouses* ta' l-Aħrax ġew restitwiti kif kienu qabel. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li qed jitbattlu l-*bins* għall-iskart riċiklabbli fl-Għadira, filwaqt li saret manutenzjoni ħafifa biex dawn ingħataw dehra ftit aħjar milli kienu.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.8.1. Batterija tal-Mistra (R/2/Vol II)**

4.8.2. Is-Sindku rrefera għal stedina li saret mill-Fondazzjoni Wirt Artna li ħadet taħt idejha il-Batterija tal-Mistra bir-restawr illi meħtieġ isir fuqha. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex iżurha ħalli jara x-xogħol li qed isir.

4.8.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina u ddeċieda li ż-żjara ssir fit-8 ta' Lulju 2014 fis-7.00pm.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Mejju 2014.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-*item* 23 li tinvolvi d-ditta Nuov Consulting Ltd. Huwa talab li jiġi eżentat fir-rigward ta' dan l-*item* partikulari minħabba l-interess tiegħu fl-istess kumpanija.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mresqa li tkopri bejn it-23 ta' Mejju u d-19 ta' Ġunju 2014. Tresqet ukoll skeda ta' infieq illi sar permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn it-22 ta' April u d-29 ta' Mejju 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-istess skedi għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

## 7.1. Nomini għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

7.2. Is-Sindku fakkar li fit-tieni parti tas-seduta preċedenti kienu tresqu in-nomini ta' Julian Agius u Erica Galea. Kif kien miftiehem kellhom jiġu diskussi il-*curriculum vitae* tagħhom. Huwa nforma lill-Kunsill illi Julian Agius mhux interessat li jokkupa din il-kariga.

7.3. Billi l-Kunsillier H. Fenech ma kienx preżenti ma setax jressaq il-*curriculum vitae* ta' Erica Galea. Għaldaqstant kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jiġi pospost għas-seduta li jmiss.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm "*Europe for Citizens*"– "*Town twinning Citizens' Meetings*" ġiet allokata s-somma ta' €17,000 taħt Azzjoni 1 Miżura 1.1., bil-għan li jitwettaq il-proġett "*Bringing the E.U. Closer to the Local Communities*" bejn it-8 u l-11 ta' Awwissu 2014;**

**Billi skont il-ftehim mal-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency*, il-proġett jinvolvi l-organizzazzjoni ta' konferenza bil-parteċipazzjoni ta' delegati minn Malta; l-Italja, il-Latvja; ir-Rumanija u Ċipru, li jeħtieġu ikel u akkomodazzjoni matul il-ġranet imsemmija; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (1/2014) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni taż-żewġ offerti li saru mill-istess Kunsill fl-ewwel parti tas-seduta Nru. 20 tas-27 ta' Mejju 2014;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent 3sixtymeeting Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/24)**

8.2. Is-Segretarju fakkar li ser jingħata finanzjament mill-Unjoni Ewropea ta' €17,000, filwaqt li l-baġit totali li alloka l-Kunsill fuqu huwa ta' €20,000. L-inqas prezz ikkwotat kien dak ta' 360 Meetings ta' €35,656. Billi hemm varjazzjoni konsiderevoli bejn l-ammont offrut u l-bagit allokat, il-Kunsill ser ikollu jagħmel tajjeb għad-differenza mill-fondi ordinarji tiegħu. Għaldaqstant is-Sur C. Debono talab li ssir rijallokazzjoni fil-baġit billi din id-differenza tiġi assorbita mill-vot tal-Attivitajiet Kulturali (3370). Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni wkoll li apparti l-ispejjeż tal-kuntratt in kwistjoni, hemm spejjeż oħra tat-trasport u oħrajn li attwalment mhux previsti, imma żgur li jinqalgħu waqt li jkunu għaddejjin l-attivitajiet. Huwa għalhekk ippropona li €20,000 jittieħdu għal dan il-proġett. Huwa għarraf ukoll li, bil-għan li tiġi rkuprata din l-ispiża, jew parti minnha, saret talba sabiex il-Kunsill jibbenefika mill-Fond ta' Kofinanzjament amministrat mill-Gvern Centrali.

8.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li huwa jistma illi n-nefqa fuq l-Iljieli Melleħin *per se*` ser tkun inqas mis-sena preċedenti.

8.4. Il-Mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**9.1. Stimi dwar l-introduzzjoni ta' bandla fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ għal persuni li jużaw is-siġġu tar-roti (P/4/14)**

9.2. Is-Segretarju fakkar li kien hemm tliet sejħiet għall-istimi li r-riżultat tagħhom kien kif jidher hawn taħt:

<u>**Sejħa Nru. 2/2014 - Xogħol Infrastrutturali**</u>

| Item No. | Description | Qty. | Unit | Homeworxs Plus Ltd |
|---|---|---|---|---|
| | | | | Amount including VAT (€) |
| 1 | **Preliminaries**<br>Lump sum for the provision of all necessary permits, including road closures if necessary, trenching permits etc. | 1.00 | L.S. | 25.00 |
| 2 | To break and cart away existing cement tiles to an approved dumping site | 100.00 | Sq.M. | 650.00 |
| 1 | **Earth Works**<br>Excavation at any depth in any type of ground, including rock. Rate is to include carting away of material to an approved dumping site. | 50.00 | Cu.M. | 197.50 |
| 2 | Extra over excavation works for trimming of vertical surfaces | - | Sq.M. | - |
| 3 | Supply, transport, lay and compact hard-core filling material to make up levels. | 15.00 | Sq.M. | 118.50 |
| 4 | Supply, transport, lay and compact Grade C15 as backfilling material | 1.00 | Cu.M. | 7.00 |
| | **Concrete Works** | | | |
| 1 | Supply, transport, lay and compact Grade 15 concrete as backfilling material | 1.00 | Cu.M. | 16.62 |
| 2 | Supply, transport, lay, compacy and level Grade C20 concrete in foundation footing. Rate is to include all necessary shuttering and propping. Reinforcement is to be measured separately | 1.00 | Cu.M. | 17.80 |
| 3 | Supply, transport, lay, compact and level Grade C20 concrete with waterproofing additive in 150mm thick flooring slab. Rate is to include all necessary shuttering and propping. Reinforcement is to be measured separately. | 60.00 | Sq.M. | 1,194.00 |
| 4 | Supply, transport and fix in place high yield steel reinforcement. Rate is to include for bending, cutting, fixing and lapping for the following dimentions: | | | |
| | (a) 25mm diameter bars | 5.00 | Kg | 9.75 |
| | (b) 20mm diameter bars | 5.00 | Kg | 9.90 |
| | (c) 12mm diameter bars | 5.00 | Kg | 9.90 |
| | (d) 10mm diameter stirrups | 5.00 | Kg | 9.50 |
| | (e) A 98 fabric mesh | 60.00 | Sq.M. | 402.00 |
| | (f) A252 fabric mesh | 1.00 | Sq.M. | 7.90 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | (g) C503 fabric mesh | 1.00 | Sq.M. | 8.75 |

| | |
|---|---|
| TOTAL (€) | 2,684.12 |

**<u>Sejħa Nru. 3/2014 - Provista u tqegħid fil-post ta' bandla addattata għall-persuni li jużaw siġġu bir-roti</u>**

| Item No. | Description | Qty. | Unit | Homeworxs Plus Ltd | JGC Ltd | M. Quip Ltd (Option A) | M. Quip Ltd (Option B) | M. Quip Ltd (Option C) | M. Quip Ltd (Option D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Amount including VAT (€) | | | | | |
| 1 | Supply, transport and fix in place with frame, complete with all necessary parts, fittings and mountings. The swing shall be adequate for the use by wheelchair bound persons. Technical specifications are to be submitted with this tender. (Use zone 10.0m x 6.5m) | 1.00 | No. | 7,097.10 | 6,750.00 | 5,860.00 | 2,870.00 | 8,470.00 | 1,985.00 |
| 2 | Supply, transport and fix in place pull chain attachment as ancillary facility to Item 1 above, complete with all necessary parts, fittings and mountings. Technical specifications are to be submitted with this quotation. (Use Zone 12.2m x 4.2m). | 1.00 | No. | | | | | | |
| 3 | Dismantle and re-fix in place spring type children equipment, including all necessary parts, fittings and mountings. | 3.00 | No. | 165.00 | 300.00 | 135.00 | 135.00 | 135.00 | 135.00 |
| | | | TOTAL (€) | 7,262.10 | 7,050.00 | 5,995.00 | 3,005.00 | 8,605.00 | 2,120.00 |

**<u>Sejħa Nru. 4/2014 - Provista u Tqegħid fil-Post ta' Madum tal-Lastiku</u>**

| Item No. | Description | Qty. | Unit | Homeworx Plus Ltd | JGC Ltd (Option 1) | JGC Ltd (Option 2) | M. Quip Ltd (Option A) | M. Quip Ltd (Option B) | Projekte Global Lt (Option 1) | Projekte Global Ltd (Option 2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Amount including VAT (€) | | | | | | |
| 1 | Supply, transport, Lay and Fix in place 55mm 'Safety Play Tile' as instructed by Local Council Representative. Sample and technical specifications are to be submitted with this quotation. Rate is to include for waste areas when tiles are laid in circular alignment. | 70.00 | Sq.M. | 3,004.89 | 2,796.50 | 2,376.50 | 3,482.50 | 2,793.00 | 2,857.40 | 4,274.90 |
| | | | TOTAL (€) | 3,004.89 | 2,796.50 | 2,376.50 | 3,482.50 | 2,793.00 | 2,857.40 | 4,274.90 |

9.3. Dwar is-Sejħa Nru. 3, is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li mhux l-istimi kollha li kien hemm kienu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbliti, filwaqt li dawk illi kienu, jaqbżu t-*threshold* ta' €4,658.75. Għalhekk mhux possibbli li jitkompla l-proċess permezz ta' sejħa għall-istimi u għalhekk jeħtieġ illi ssir sejħa għall-offerti. Fir-rigward ta' Sejħiet Nri. 2/2014 u 4/2014 ma' hemm xejn xi jżomm milli jingħataw b'sempliċi sejħa għall-istimi.

9.4. Ġew mressqa wkoll tliet rapporti tekniċi mill-*Contracts Manager* datati 21 ta' Ġunju 2014. Fir-rapport tiegħu dwar is-Sejħa 2/2014, il-*Contracts Manager* indika li l-istima sottomessa minn Homeworxs Plus Ltd hija raġġjonevoli f'dak li huwa prezz finali, illi fil-fatt huwa 20% inqas mill-istima tiegħu. Rigward is-Sejħa 3/2014, ġie rrappurtat li t-tliet offerti li kienu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fil-*bill of quantities,* ġew sottomessi minn: M-Quip Ltd; JGC Ltd, u Homeworxs Plus Ltd, bl-inqas waħda mingħand M-Quip Ltd bil-prezz ta' €5,995. Dwar is-Sejħa 4/2014, irriżulta li l-offerti kollha kienu konformi bl-inqas waħda mingħand JGC Ltd bil-prezz ta' €2,796.50, li fil-fatt kienet 31.1% inqas mill-istima tal-perit.

9.5. Wara li l-Kunsill ikkunsidra d-dokumentazzjoni kollha mressqa, iddeċieda li għandhom jinħarġu *purchases order* lill-Homeworxs Plus Ltd fir-rigward tax-xogħol infrastrutturali u oħra fuq JGC Ltd fil-każ tas-*Safety Tiles*. Ġie deċiż li dwar il-bandla għandha ssir sejħa għall-offerti.

9.6. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li mas-sottomissjonijiet dwar is-sejħa għall-offerti għandu jintalab *photomontage* sabiex wieħed jingħata ideja tad-dehra tagħha meta tintrama fuq il-post.

## 10.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

10.2. Is-Sindku għarraf illi fis-16 ta' Ġunju 2014 saret laqgħa mas-Sinjuri Ernest Vella u Kenneth Fenech mill-Fondazzjoni ARKEO. Flimkien mas-Sur J. Buttigieg attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv. Fl-istess okkażjoni d-delegazzjoni tal-ARKEO talbet lill-Kunsill jirrevedi l-aħħar abbozz tal-ftehim, fis-sens li:

- Klawsola 3 – Il-fondazzjoni tiġi eżentata milli tgħaddi 10% mid-dħul li jkun hemm fl-ewwel sentejn mid-data tal-iffirmar tal-ftehim;
- Klawsola 18 – Il-fondazzjoni tiġi eżentata mir-rifużjoni tal-kera li hija dovuta lid-Dipartiment tal-Artijiet fuq il-beni kollha devoluti, fl-ewwel sentejn mid-data tal-iffirmar tal-ftehim, liema kera tammonta għas-somma ta' €2,200.

10.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li biex isir il-ftehim, il-fondazzjoni jeħtieġ li tottjeni polża ta' assikurazzjoni skont il-Klawsola 14. Huwa qal li jeħtieġ ukoll ċertifikat mill-*Project Manager*, fejn jingħad li x-xogħol kollu fuq il-*heritage trail* kien tlesta u jista' jintuża mill-pubbliku mingħajr periklu, skont il-Klawsola 4.

10.4. Ġie deċiż li l-Klawsola 3 għandha tibqa' kif inhi, fis-sens li l-fondazzjoni trid tgħaddi 10% mid-dħul tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkonċedi l-eżenzjoni mir-rifużjoni tal-kera għall-ewwel sentejn. Għaldaqstant, it-test tal-ftehim għandu jiġi emendat f'dan is-sens u ffirmat, hekk kif il-fondazzjoni tgħaddi ċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni.

## 11.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)

11.2. Il-Kunsillier J. Attard aġġorna lill-Kunsill bin-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw iċ-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, u li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' Mejju 2014. Huwa għadda t-tagħrif li jidher fl-iskeda ta' hawn taħt:

| Data (Mejju) | Nru. ta' Anzjani |
|---|---|
| It-Tlieta 6 | 8 |
| Il-Ħamis 8 | 2 |
| It-Tlieta 13 | 0 |
| Il-Ħamis 15 | 4 |
| It-Tlieta 20 | 7 |
| Il-Ħamis 22 | 2 |
| It-Tlieta 27 | 10 |
| Il-Ħamis 29 | 4 |

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali (W/3/Vol XI)

12.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm ilmenti ġustifikati rigward nuqqas ta' prudenza fis-servizz tal-Gwardjani Lokali. Dan billi qed isiru rondi filgħodu kmieni fis-6.00am u jinħarġu *tickets* għal kontravvenzjonijiet li huma żgħar u ma jikkawżawx daqshekk problema f'dawk il-ħinijiet. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-ħinijiet għandhom jinqasmu bejn filgħodu u wara nofsinhar biex ikun hemm aktar bilanċ.

12.3. Il-Kunsillier J. Gauci kkummenta li f'dawk il-ħinijiet ikun aħjar li jsir nfurzati r-regolamenti dwar il-ħmieġ tal-klieb, il-*bring-in sites* eċċ.

12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li ma jaqbilx li l-ħin jinqasam fl-istess ġurnata, peress li jkun hemm ħafna ħela ta' ħin fit-traġitt bejn lokalita` u oħra. Huwa għalhekk ippropona li biex

is-servizz ikun iktar effettiv m'għandux ikun hemm ħinijiet fissi, iżda li jalternaw minn ġurnata għall-oħra.

12.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lill-Kumitat Reġjonali u lill-Uffiċjal Awtoritazzat sabiex ikun hemm alternanza minn ġimgħa għall'oħra fil-ħinijiet, bejn bejn filgħodu u filgħaxija: eż: mid-9.00am sal-12.00am u bejn il-5.00pm sat-8.00pm.

## 13.1. *Park-and-Ride* fejn l-*interchange* tal-karozzi tal-linja (P/5/8/Z)

13.2. Is-Sindku għarraf li saritlu talba mill-iżviluppatur tal-kumpless li ser jinbena fejn qabel kien hemm il-Belleview, sabiex juża parti żgħira mill-art imsemmija ħalli jitqiegħed *site-office* b'rabta mal-iżvilupp imsemmi. Huwa fakkar li l-istess art ingħatat mill-Gvern lill-Kunsill b'titolu ta' *encroachment*.

13.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 14.1. *T*indif ta' toroq arterjali qrib il-kosta (T/4/5/Vol IV)(T/4/6/Vol IV)

14.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fit-23 ta' Ġunju 2014 huwa attenda laqgħa msejħa mill-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onor. Joe Mizzi, fejn tħabbar li l-Cleansing Services Department ser ikun għaddej bit-tindif ta' żoni turistiċi f'diversi lokalitajiet. Huwa spjega li fil-każ tal-Mellieħa dan jinvolvi Triq iċ-Ċirkewwa mit-*terminal* sal-Marfa u l-*promenade* tal-Għadira.

14.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-*area* tat-*terminal* taċ-Ċirkewwa hija nkluża fil-kuntratt tat-tindif tat-toroq urbani, filwaqt li l-*promenade* tal-Għadira hija koperta fil-kuntratt tat-toroq mhux urbani.

14.4. Is-Sur C. Bartolo kkummenta li x-xogħol involut għandu jiġi kkwantifikat sabiex jitħalla barra mill-kuntratti li għandu l-Kunsill.

14.5. Is-Sindku qal li fil-passat kien hemm interventi ta' dan it-tip mill-Gvern Ċentrali fejn irriżulta li s-servizz ma kienx ikun konsistenti u għalhekk kellu jintervjeni il-Kunsill, minflok bil-kontra. Is-Sur J. Buttigieg għalhekk irrakkomanda li s-servizz illi qed jagħti l-Kunsill għandu jibqa'.

14.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għandu jiġi stabbilit il-ħin li qed jingħata s-servizz min-naħa tal-Cleansing Services Department, sabiex dak tal-Kunsill ikun f'ħinijiet differenti u b'hekk ikun aktar effettiv.

14.7. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li ż-żewġ servizzi għandhom jibqgħu għaddejjin, iżda f'ħinijiet differenti.

## 15.1. Servizz dwar ta' tindif ta' toroq urbani (K/6/1/Vol V)

15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li qed ikollu lmenti li ċerti toroq qed jitħallew barra mill-kuntrattur responsabbli mill-knis mekkanizzat tat-toroq urbani.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-*Contracts Manager* sabiex issir sorveljanza fuq is-servizz li qed jingħata.

## 16.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo spjega li l-programm ser jibda fit-8.00pm bl-*In Guardia,* akkumpanjati minn xi falkuniera, minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq l-Għoljiet, jinżlu Triq Ġorġ Borg Olivier kollha, jgħaddu minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u jispiċċaw f'Misraħ il-Parroċċa. Il-*Banditore* ser ikun akkumpanjat minn personaġġi lebsin kostumi tal-epoka. Fis-7.30pm jibda l-programm mużikali mill-Baned La Vittoria u Imperial f'Misraħ il-Parroċċa. Kif il-bandu jasal fl-istess misraħ jingħata salut mill-In Guardia. Tfal li jappartjienu lill-Grupp Artemocion ser jieħdu sehem ukoll biż-żfin tagħhom. Lejn tmiem l-attivita' ikun hemm kelmtejn mis-Sindku, preżentazzjoni ta' tifkira lill-parteċipanti u titqabbad il-ħuġġieġa.

16.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-poster u l-*logo* addottat għall-attivita' imsemmija. Huwa appella sabiex jintużaw kuluri li huma assoċjati mal-Mellieħa. Huwa qal li l-użu tal-aħmar, l-abjad u l-griż jista' jiġi evitat.

16.4. Is-Sindku kkummenta li l-aħmar u l-abjad imorru ħafna ma’ attivita’ folkoristika Maltija. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li jkun tajjeb li ma jintużawx dejjem l-istess kuluri.

16.5. Il-Kunsill approva l-programm skont kif spejgat fil-minuta 16.2. aktar ‘il fuq.

### 17.1. *Policy* dwar attivitajiet fil-bajjiet (A/6/3/2 Vol 48)

17.2. Il-Kunsillier P. Cutajar staqsa dwar x’inhi l-*policy* dwar attivitajiet fuq il-bajjiet bħal dik tal-Mixquqa. Huwa rrefera għal każ fejn saret applikazzjoni għal *team building event* fit-3.00pm li ġiet rifjutata min-naħa tal-Kunsill.

17.3. Is-Sindku wieġeb illi minħabba li r-Ramla tal-Mixquqa hija kklassifikata bħala *Beach of Quality* ikun hemm konsultazzjoni kontinwa mal-Awtorita’ Maltija tat-Turiżmu dwar kull talba. Apparti dan, hija l-prassi li fir-ramliet tal-Mixquqa u l-Għadira ma’ jingħatawx permessi ta’ din ix-xorta qabel is-6.00pm.

### 18.1. Tindif volontarju fix-Xagħra tat-Tunnara (T/6/1/Vol III)

18.2. Il-Kunsillier D. Vella qal li huwa ġie avviċinat mill-Aġenzija Żgħażagħ sabiex isir tindif volontarju fix-Xagħra tat-Tunnara fis-27 ta’ Ġunju, jew fl-4 ta’ Lulju 2014 bejn l-10.00am u nofsinhar. Huma appellaw għall-permess tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jagħmlu dan, kif ukoll biex jingħataw *skip* u boroz sabiex jitpoġġa l-iskart li jinġabar.

18.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 19.1. Sewqan perikoluż fit-triq tal-Wied ta’ Rdum (T/3/2/Vol X)

19.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm sewqan b’veloċita’ qawwija fit-triq li tagħti mit-Telgħa ta’ Żnuber għal Tal-Prajjet. Dan qed ipoġġi fil-periklu lil kull minn jipprova joħroġ minn xi triq traversa, għar-raġuni wkoll li t-triq hija dejqa. Huwa għalhekk ippropona li jsiru *speed humps* fil-post addattat.

19.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet lil Transport Malta sabiex tiġi kkontrollata din is-sitwazzjoni.

### 20.1. Superviżjoni tat-traffiku fit-triq tal-Miżieb (T/3/2/Vol X)

20.2. Il-Kunsillier E. Bartolo appella sabiex isir infurzar tas-sistema tal-*one-way* li tidħol fis-seħħ fil-Ħdud u l-festi wara nofsinhar, fit-triq imsemmija. Kultant jiġi li xi ħadd jidħol min-naħa ta’ Triq Għajn Tuffieħa u jwaqqaf it-traffiku kollu li jkun ħiereġ mill-Mellieħa.

20.3. Is-Sindku qal li dan is-suġġett jista’ jitqajjem fil-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tad-Distrett.

### 21.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq Ġuże’ Flores (T/3/2/Vol X)

21.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għat-talba li saret biex issir *pedestrian crossing* fi Triq Ġuże’ Flores. Huwa staqsa dwar jekk din kinitx ġiet approvata minn Transport Malta.

21.3. Is-Segretarju wieġeb fl-affirmattiv.

21.4. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li minkejja l-introduzzjoni ta’ *pedestrians crossing* bid-dwal, xorta waħda għandu jkun hemm *raised plateau* biex iġġiegħel lis-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita’.

21.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta mresqa fil-minuta preċedenti u talab li jsiru rappreżentazzjonijit mill-ġdid ma’ Transport Malta.

### 22.1. Sigurta’ fil-*Playing Field* ta’ Triq l-Erwieħ (P/4/14)

22.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li filwaqt illi fil-*playing field* imsemmija hemm żewġ xtiebi li jingħalqu waħedhom, ma teżistix waħda fil-ftuħ li hemm eżatt mal-ħajt taċ-ċimiterju.

22.3. Is-Segretarju qal li jkun tajjeb jiġu eżaminati ċ-ċertifikati li saru dwar is-siġurta’ ta’ din il-*playing field* kemm mir-RoSPA kif ukoll mill-MCCAA, sabiex jiġi verifikat jekk dan il-ftuħ tħalliex apposta għal xi skop.

### 23.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin (A/5/3/5/Vol VI)

23.2. Il-Viċi Sindku ippropona li d-dati li fihom jiżvolġi dan l-avveniment ikunu s-7, 8, 9, u 10 ta' Awwissu 2014. Huwa ressaq abbozz tal-logo ta' din l-edizzjoni, kif ukoll aċċenna għat-toroq li jridu jingħalqu b'rabta mat-tlielaq tal-karozzi fir-rigward ta' Triq il-Marfa u Triq l-Erwieħ, kif ukoll Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sur Bartolo qal li ser ikun qed isir sforz sabiex f'waħda mill-ġranet imsemmija ssir l-inawgurazzjoni tar-restawr ppjanat li jsir fl-Għajn tal-Mellieħa.

23.3. Il-Kunsill approva l-proposti mresqa u qabel li dawn għandhom ikomplu jiġu elaborati fis-seduti li jmiss.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**